# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Hamis sitta (6) ta' Ottubru 2016**

**Rikors Numru 7/12 FDP**

**Jason Micallef**
**(ID 148771M)**

**vs**

**Michael Seychell (ID 144540M) u Louiselle Vassallo (ID 22572M)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fis-6 ta' Jannar 2012 fejn, filwaqt illi ghamel referenza ghall-programm televisiv bl-isem ta' **Analazi ta' l-Ahbar** imxandar fuq l-istazzjoni tat-television NET TV fl-24 ta' Novembru 2011, sahaq illi waqt tali programm saru allegazzjonijiet foloz u malafamanti fil-konfront tieghu billi attribwewlu fatti determinanti bi skop li joffendu l-unur u l-fama tieghu u li jesponuh ghad-disprezz tal-pubbliku meta, fost affarjiet ohra, gie allegat illi huwa qal diskors fis-sens li jrid iwettaq diskriminazzjoni billi jrid li gvern laburista jkun gvern tal-laburisti biss, meta dina l-allegazzjoni gia giet deciza mill-Qorti ohra illi hija inveritjera kif ukoll illi gie allegat illi huwa wettaq vendikazzjonijiet, meta tali allegazzjoni hija inveritjera wkoll.

Huwa ghalhekk talab lill-Qorti tikkundanna lill-intimat, bhala editur tal-pubblikazzjoni, ihallus danni a tenur tal-Artikolu 28 tal-Kap 248.

Rat ir-risposta ta' l-intimati ippresentata fit-22 ta' Frar 2012 fejn sahqu illi t-talbiet tar-rikorrenti kellhom jigu michuda billi x-xandira in kwistjoni tammonta ghal espressjoni ta' opinjoni tal-kelliema illi kellhom kull dritt illi jesprimu l-veduti taghhom dwar persuna pubblika, liema espressjoni hija permessa kemm mill-Kostituzzjoni kif ukoll mill-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Rat id-dokumentazzjoni esebita mir-rikorrent.

Semghet ix-xhieda ta' **Michael Seychell**, in ezami u kontro ezami, moghtija fis 7 ta' Mejju 2012 u fit 3 ta' Gunju 2013.

Semghet ix-xhieda ta' **Jason Micallef**, in ezami u kontro ezami, moghtija fil 25 ta' Gunju 2012 u fit 3 ta' Gunju 2013.

Rat il-parti tad-diskors ta' l-intimat Michael Seychel illi dwar hassu malafamat ir-rikorrent, fejn l-intimat Seychell qal is-segwenti:

> *"Nafhom sew li dawn in-nies u naf safejn jaslu. Jason, ghalkemm ghadu zghir, nafu wkoll, meta kont direttur tal-PBS, u naf x'kien isarraf Jason. Nied li ma jiddejqu xejn biex jiehdu decizjonijiet minghajr ma jitkellmu mal-Kap taghhom u jekk stess jitkellmu mal-Kap taghhom, il-Kap taghhom imbghad taparsi jcanfarhom. Tajjeb? Dawn zgur ser naqghu fejn konna, vendikazzjonijiet u tpattija. Kieku nbiddlu dawn in-nies, jiena minghajr habi nghidha, meta George Abela hareg ghall-leadership tal-Partit, minkejja li lil George fin-1992, attakajtu hafna ghaliex qatt ma ddefendini, u jafni sew fuq dak li grali fil-1977, qatt ma fetah halqu, u kont nippretendi li kellu jiftah halqu. Meta hareg ghall-elezzjoni, cempiltlu u ghitlu "George, jekk issir inti leader tal-Partit, jiena nikkonsidra nerggha nigi fil-Partit", u dan ghamiltu recenti hafna, tajjeb!*
>
> *Ma nistax nimmagina imma kif Joe Muscat reggha gab dawn in-nies mieghu, ghaliex anke jekk insemmi lill Jason. Jason kullhadd jaf kemm kien estrem, diga qalha f'meetings qabel u reggha qalgha issa meta semma, per ezempju, "ahna nkunu Gvern tal-Laburisti biss" u ricenti attakka lill-gurnalisti u ghamilha cara li se jkeccuhom. Jigifieri meta terggha ddahhal mieghek nies bhal dawn, u dawn qieghdin f'posizzjoni gholja hafna, minnhom ma nistax nifhem jien kif dawn qed jippretendi li l-poplu ma jibzghax minnu."*

Semghet ix-xhieda ta' **Dr Joe Refalo**, rappresentant tal-Public Broadcasting Services Limited, moghtija fil 11 ta' Novembru 2013.

Semghet ix-xhieda ta' **Edmond Tabone**, Manager Corporate Services fi hdan il-Public Broadcasting Services Limited, moghtija fis 27 ta' Jannar 2014.

Semghet ix-xhieda ta' **Michael Seychell** moghtija fis 7 ta' Marzu 2014 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita dakinhar stess.

Semghet ix-xhieda ta' **Dr Michael Falzon**, moghtija fit 2 ta' Mejju 2014 u fis 17 ta' Novembru 2014.

Semghet ix-xhieda ta' **Victor Camilleri**, moghtija fid 29 ta' Jannar 2015 u d-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda ta' **Ray Abdilla** moghtija fid-19 ta' Ottubru 2015.

Rat id-dokumentazzjoni esebita mill-intimat fis 26 ta' Novembru 2015.

Rat illi fl-4 ta' April 2016 gie ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-kawza 302/07 CSH fl-ismijiet 'Jasom Micallef vs Edgar sive Eddie Aquilina' deciza fis 16 ta' Settembru 2009, liema atti gew eventwalment allegati ma' tali atti u gew vizwalizzati minn dina l-Qorti, inkluz id-dokumentazzjoni hemm esebita..

Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fid 9 ta' Gunju 2016, wara liema data il-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi l-intimat Michael Seychell, fl-24 ta' Novembru 2011 kien gie mistieden fuq l-istazzjoni televiziv NET TV, li tieghu l-intimata Louiselle Vassallo kienet l-editur fiz-zmien, sabiex jattendi fuq programm bl-isem ta' 'Analazi ta' l-Ahbar', sabiex jaghti l-veduti tieghu dwar "Ix-Xandir w il-Partit Laburista" illi kien is-suggett illi kien qed jigi diskuss dak il-hin.

Jirrizulta illi, waqt tali diskussjonijiet, l-intimat Seychell ghamel varji asserzjonijiet ud ikjarazzjoni dwar ir-rikorrent Jason Micallef, illi, dak iz-zmien, kien Kap tal-One Productions u li, precendentement, kien okkupa il-kariga ta' Segretrju Generali tal-Partit Laburista ghal diversi snin.

Jirrizulta, illi fost l-assersjonijet illi l-intimat Seychell ghamel fil-konfront tar-rikorrent, huwa sahaq illi "kull jaf kemm kien estrem", filwaqt illi stqarr ukoll illi r-rikorrent kien qal f'meetings illi "ahna nkunu Gvern tal-Laburisti biss" u illi, jekk fil-Gvern, kien ser jassikura illi ceta gurnalisti jitkeccew minn posthom.

Jirrizulta wkoll illi l-istess intimat Seychell sahaq illi jaf lir-rikorrent u jaf "x'kien isarraf Jason" filwaqt illi zied jghid dwar ir-rikorrent u nies ohra bhalu illi "dawn zgur ser naqghu fejn konna, vendikazzjonijiet u tpattija".

Jirrizulta illi r-rikorrent hassu malafamat bil-kummenti illi ghamel l-intimat Seychell fil-konfront tieghu u ghalhekk ghamel il-kawza odjerna.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, illi l-intimat Seychell ghamel tlett insinwazzjonjiet fil-konfront tar-rikorrent Micallef, ossija illi kien qed fil-pubbliku illi Gvern Laburista kien ser ikun Gvern tal-Laburisti biss, illi r-rikorrent kien persuna estrema u illi kien ser ikecci lill-gurnalisti illi ma kienx jaqbal maghhom la darba jkun f'posizzjoni illi jaghmel dan.

Ikun opportun illi ghalhekk jigu meqjusa t-tlett allegazzjonijiet illi saru.

Jirrizulta, l-ewwel u qabel kollox, illi l-meritu tal-insinwazzjoni li kien qal fil-pubbliku li l-Gvern kien ser ikun "Gvern tal-Laburisti biss" gia gie diskuss u ezaminat fil-kawza 'Jason Micallef vs Edgar Aquilina', deciza minn dina l-Qorti, diversament ppresjeduta fis-16 ta' Settembru 2009, fejn il-Qorti kienet sabet lill-intimat f'dik il-kawza responsabbli talli ghamel allegazzjonjiet identici ghal dawk illi ghamel Seychell fil-kawza odjerna.

Jirrizulta, di fatti, illi l-kliem illi ghalihom l-intimat Seychell jaghmel referenza, u li kien qal waqt attivita organizzata mill-Membru Parlamentari Charles Buhagiar, kienu s-segwenti:

> *"Ilkoll flimkien issa, ghan wiehed, direzzjoni wahda u m'hemmx argumenti bejnietna. U se nkunu Gvern tal-Maltin u Ghawdxinb kollha. U jien, hawn qieghdin bejnietba, nahseb tajjeb li nghidilkhom, se nkunu wkoll, mela le, Gvern tal-Laburisti li nwettqu l-gustizzja fl-ewwel xhur ta' Gvern Laburista. Din id-darba m'hemm hafna titubar.*

*M'ghandna xejn anqas min-Nazzjonalisti. Ghandna hafna nies tajbin. Ghandna talenti. Anzi ghandna hegga kbira ta' nies li jridu jidhlu fit-tmexxija kullumkien."*

Il-Qorti, l-ewwel u qabel kollox, ma tistax ma tosservax illi dak illi huwa rrappurtat illi qal r-rikorrent huwa diskors politiku intiz sabiex jheggeg lill-partitarji illi jkunu qed jisimghu tali diskors biex jkomplu jemmnu fil-politika illi il-kelliem, f'dan il-kaz ir-rikorrent li kien is-Segretarju Generali tal-Malta Labour Party ta' dak iz-zmien, kien qieghed iwassal - tali diskorsi, jistghu, minn zmien ghal zmien, ikunu aktar krudi u diretti minn diskorsi komuni bejn persuni mhux fil-politika, izda ghandhom dejjem jitqiesu bhala tali.

Apparti minn hekk, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi, f'tali diskors, ir-rikorrent kien beda biex jghid illi Gvern Laburista, f'kaz illi kien ikun ser jigi elett fl-elezzjoni tas-sena 2008, kien ser ikun "Gvern tal-Maltin u l-Ghawdxin kollha" u kien biss wara li qal tali kliem, b'referenza ghall ingustizzji illi l-Partit Laburista kien qieghed jinsisti illi saru ma' persuni b'twemmin Laburista, illi huwa qal "se nkunu wkoll, mela le, Gvern tal-Laburisti li nwettqu l-gustizzja fl-ewwel xhur ta' Gvern Laburista."

Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi ma huwiex korrett illi wiehed jestrapola minn diskors shih, ftit kliem li jkun qal persuna fil-pubbliku, u tibni argument kontra persuna abbazi ta' tali kliem, aktar u aktar meta tali persuna jkun ghamel dikjarazzjoni ftit qabel fejn ghamel il-posizzjoni tieghu cara, liema posizzjoni ma kienetx dik illi wiehed ried jaghti l-impressjoni bl-uzu ta' ftit kliem illi jkun intqal qabel.

Jidher car illi r-rikorrent insista illi l-Gvern kien ser ikun tal-Maltin u Ghawdxin kollha - imkien, f'dana l-istadju ma inqtal illi kien ser ikun gvern tal-Laburisti biss - il-Gvern kien ser ikun tal-Maltin u Ghawdxin kollha, u dana kif jisthoqq.

Jirrizulta wkoll, izda, illi r-rikorrent ried iwassal anke il-messagg illi kull persuna ta' twemmin Laburista li hass illi sofra ingustizzji waqt li l-Gvern kien qieghed jitmexxa mill-Partit Nazzjonalista kien ser jinghata l-gustizzja illi kien haqqu u kien f'dana il-kuntest illi r-rikorrent qal illi l-Gvern kien ser ikun ukoll Gvern tal-Laburisti, u dana abbazi tal fatt illi, kif sahaq hu "m'ghandna xejn anqas minn-Nazzjonalisti. Ghandna hafna nies tajbin. Ghandna talenti."

Ghalhekk, filwaqt illi huwa minnu illi r-rikorrent uza l-kliem fil-pubbliku fejn sahaq illi l-Gvern kien ser ikun Gvern tal-Laburisti, certament ma huwiex minnu illi qal illi kien ser ikun tal-Laburisti **biss**, kif allega l-intimat Seychell, u certament kienet frazi illi kellha tigi interpretata fl-interjieta tad-diskors illi kien qieghed isir, fejn r-rikorrent sahaq illi l-Gvern kien ser ikun tal-Maltin u Ghawdxin kollha u li ingustizzji illi saru ma' persuni ta' twemmin Laburista kienu ser jigu rrangati.

Ghalhekk, l-allegazzjoni li r-rikorrent qal illi l-Gvern kien ser ikun tal-Laburisti biss hija malafamanti fil-konfront tar-rikorrent stante illi tali frazi ittiehdet barra il-kuntest taghha u inghatat tifsira differenti mill-intimat minn dik illi ried jaghti r-rikorrent.

Jirrizulta wkoll illi l-intimat Seychell sahaq illi r-rikorrent kien persuna estremista u vendikativa li kien ser ikecci n-nies. Ghal dan il-ghan, huwa pproduca lill Dr Michael Falzon, Membru tal-Parlament tal-Partit Laburista, kif ukoll il-gurnalisti Ray Abdilla u Peppi Azzopardi. L-intimat ippresenta wkoll hafna artikoli miktuba fil-gurnali tal-Partit Nazzjonalista.

Minn imkien mix-xhieda prodotta mill-intimat Seychell ma jidher illi r-rikorrent, f'xi mument, agixxa b'mod estremist jew vendikattiv kontra xi persuni u, filwaqt illi gie deskritt bhala persuna illi

jiggieled l-argumenti tieghu (fol 129), ma ngiebed ebda prova illi huwa attwalment vendikattiv kew negattiv kif jishaq l-intimat Seychell (fol 86).

Ghalhekk, jidher car illi l-intimat Seychell, ghalkemm inghata l-opportunita' illi jikkorrobora l-allegazzjonijiet, ma gab ebda prova f'dak is-sens bir-rizultat illi tali allegazzjonijiet ghandhom ukoll jitqiesu bhala libelluzi u malafamanti fil-konfront tar-rikorrent.

**Ikkunsidrat**

Kif qalet il-Qorti Ewropeja fil-kaz **Axel Springer**

> *….freedom of expression carries with it "duties and responsibilities", which also apply to the media even with respect to matters of serious public concern. These duties and responsibilities are liable to assume significance when there is a question of attacking the reputation of a named individual and infringing the "rights of others". Thus, special grounds are required before the media can be dispensed from their ordinary obligation to verify factual statements that are defamatory of private individuals. Whether such grounds exist depends in particular on the nature and degree of the defamation in question and the extent to which the media can reasonably regard their sources as reliable with respect to the allegations*

Jirrizulta illi d-difiza principali ta' l-intimati kienet li l-kummenti illi saru kienu '*fair comment*' u ghalhekk ma setghux jitqiesu bhala malafamanti. Ikun ghalhekk utili illi wiehed ezamina fil-qasir l-principji tad-difiza tal-'*fair comment*' bil-ghan illi wiehed ikun jista jikkunsidra l-fatti kif fuq stabbiliti fl-ottika tal-principji generali tad-difiza tal-'*fair comment*'.

Dwar tali difiza **Gatley on Libel and Slander** jghid:

> *To succeed in a defence of fair comment the defendant must show that the words are comment, and not a statement of fact. He must also show that there is a basis of fact for the comment, contained or referred to in the matter complained of. Finally, he must show that the comment is on a matter of public interest, one which has expressly or implicitly put before the public for judgment or is otherwise a matter with which the public has a legitimate concern. If, however, the plaintiff can show that the comment was not made honestly or was actuated by malice, he will defeat the plea.*

Fil-kawza **Dr Louis Galea vs Etienne St John u Felix Agius** deciza fit 30 ta' April 2015, tali principji gew minnha mhaddna u spjegati kif gej :

> *… dwar l-aspett tad-difiża tal-kumment ġust ilu żmien jingħad mill-Qrati tagħna li, biex id-difiża tal-kumment ġust tkun tgħodd, jeħtieġ li min jistrieħ fuqha jseħħlu juri li (a) l-kumment kien imsejjes fuq fatt li jkun issemma fil-pubblikazzjoni li minnha jitressaq l-ilment; (b) il-fatt imsemmi jrid ikun sostanzjalment minnu; (ċ) il-kumment irid jintwera li jkun ġustifikabbli jew mistħoqq; (d) il-kumment irid ikun tali li jikkwalifika bħala kritika u mhux żebliħ, tgħajjir jew insolenza; u (e) irid jagħti l-fehma onesta tal-kummentatur u li l-pubblikazzjoni ta' dik il-fehma ma saritx b'ħażen jew bil-ħsieb preċiż li jweġġa' lil dak li jkun.*

Tali taghlim huwa anke riflessa fil-kawza **Spiller vs Joseph** deciza mill-Qorti tal-Appell Ingliza fl 1 ta' Dicembru 2010, fejn Lord Phillips ghamel is-segwenti konsiderazzjonijiet meta wiehed iqis id-difiza ta' 'fair comment':

> *... defendant had to establish that: (i) the words complained of were comment; (ii) the comment was on facts; (iii) the facts commented on constituted a matter of public interest; (iv) the comment was objectively "fair"; that is the comment was one that was capable of being honestly founded on the facts to which it related, albeit by someone who was prejudiced and obstinate; (v) the comment represented the defendant's honest opinion. If he discharged all these burdens, the defence could none the less be defeated by proof of malice on the part of the defendant, but the onus of proving malice lay on the plaintiff. Both the Court of Appeal and the House of Lords held that there was no burden on the defendant to establish the fifth element. The defendant's honesty was assumed unless the plaintiff could disprove it by establishing malice.*

Finalment, dwar il-kuncett ta' '*value judgment*', il-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem, fil-kawza **Jerusalem vs Austria** (2003) EHRR 567,para 43, tghid is-segwenti:

> *... even where a statement amounts to a value judgment, the proportionality of an interference may depend on whether there exists a sufficient factual basis for the impugned statement, since even a value judgment may be excessive if it has no factual basis to support it ."*

Jirrizulta car, ghalhekk, mill-gurisprudenza fuq imressqa, illi hemm sabiex id-difiza ta' '*fair comment*' u '*value judgment*' tirnexxi, irid jigi ppruvat illi dak allegat huwa bbazat fuq fatti sostanzjalment veri.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi fuq prodotti, illi l-intimat Seychell sahaq illi r-rikorrent kien qal kliem fis-sens illi Gvern imexxi mill-Partit Laburista kien ser ikun Gvern tal-Laburisti biss kif ukoll illi ddeskriva lir-rikorrent bhala pesuna estrema u vendikattiva.

Jirrizulta, madanakollu, illi tali allegazzjonijiet ma gew ippruvati u ghalhekk ma jistghu jitqiesu bhala korrenti, bir-rizultat illi d-difiza tal-'*fair comment*' adoperata mill-intimat ma ghandhiex bazi u l-allegazzjonijiet maghmulha fil-konfront tar-rikorrenti ghandhom jitqiesu bhala malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti.

**Konkluzjoni**

Wara illi rat il-provi kollha prodotti quddiemha,

Wara illi rat is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimati,

**Tilqa** it-talbiet attrici, u ghalhekk

**Tiddikjara** l-kliem illi qal l-intimat Michael Seychel fil-konfront tar-rikorrent waqt programm televisiv intitolat "***Analazi dwar l-Ahbar***" li xxandar fl-24 ta' Novembru 2011 fuq in-Net TV, illi tieghu kienet l-editur Louiselle Vassallo, bhala libelluz u malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti u ghalhekk

**Tikkundanna** lill-intimati insolidum bejniethom sabiex ihallsu lir-rikorrent is-somma ta' elfejn Euro (€2,000) in linea ta' danni a tenur tal-Artikolu 28 tal-Kap 248.

Spejjez tal-proceduri odjerni u imghax mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv ikunu a karigu ta' l-intimati.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur